MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 75/2001/1

**Galea General Services Limited**

**vs**

**Gaetano Romeo**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi l-konvenut xtara vettura tal-marka Renault Five bin-numru ta' registrazzjoni FBE-227 minghand is-socjeta' attrici.

Illi mill-prezz pattwit ghal din il-vettura fadal jithallas bilanc ta' sitt mija u wiehed u tletin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm631.44);

Illi ghalkemm gie interpellat diversi drabi l-konvenut baqa ma hallasx il-bilanc dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob il-hlas ta' dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax dovut u l-ispejjes ta' dawn il-proceduri."

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fil-25 ta' Settembru 2002, fit-8 ta' Ottubru 2002 u dik tal-lum;

Sema' d-depozizzjoni guramentata ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' sitt mija u wiehed u tletin lira maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm631.44c) bl-imghax legali, mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluzi d-dritt tal-avukat li assista lis-socjeta' attrici quddiem dan it-Tribunal a kariku tal-konvenut.

(ft) Grazio Mercieca

Gudikatur

(ft) Mary Jane Attard

Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur